SENTENZA TAL-QORTI

tal-20 ta' Marzu 2013

fil-Kawża E-3/12

l-Istat tan-Norveġja, irrappreżentat mill-Ministeru tax-Xogħol vs Stig Arne Jonsson

(Ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71 – Sigurta' soċjali għall-ħaddiema migranti – Benefiċċji tal-qgħad – Residenza fit-territorju ta' Stat ieħor taż-ŻEE – Kondizzjoni ta' preżenza fiżika fl-Istat tal-aħħar impjieg għall-intitolament għal benefiċċji tal-qgħad)

(2013/C 277/07)

Fil-Kawża E-3/12 l-Istat tan-Norveġja, irrappreżentat mill-Ministeru tax-Xogħol vs Stig Arne Jonsson – TALBA lill-Qorti skont l-Artikolu 34 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorita' ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja mill-Borgarting lagmannsrett ("Qorti tal-Appell") dwar ir-regoli tal-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-Qorti, magħmula minn Per Christiansen, Aġent President u Páll Hreinsson, (Imħallef-Relatur) u Martin Ospelt (ad hoc), Imħallfin, ħarġet is-sentenza fl-20 ta' Marzu 2013, li l-parti operattiva tagħha hi kif ġej:

(1) L-Artikolu 71(1)(b)(i) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 jipprekludi dispożizzjoni ta' liġi nazzjonali skont liema l-intitolament għall-ħlas tal-benefiċċji tal-qgħad jiddependi mill-preżenza fiżika fl-Istat taż-ŻEE kkonċernat. Dispożizzjoni bħal din ma tistax tintuża kontra l-persuni msemmija fl-Artikolu 71(1)(b)(i) tar-Regolament.

(a) Mhuwiex relevanti għal fini tat-tweġiba għal din il-mistoqsija jekk il-persuna qegħdiex tgħix f'pajjiż qrib l-Istat tal-aħħar impjieg.

(b) Barra minn hekk, f'ċirkostanzi bħal dawk tal-konvenut fil-proċedimenti prinċipali, l-Artikolu 71(1)(b)(i) japplika minkejja li persuna qiegħda tkun qed tirreġistra bħala persuna li qed tfittex impjieg u tapplika għall-benefiċċji tal-qgħad fl-Istat ta' residenza tagħha.